

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9924/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2012/0060(COD)**

---

**CODEC 860  
POLCOM 48  
COMER 74  
MAP 14  
MI 452  
PE 59**

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 6-9 ta' Ġunju 2022)

---

### I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċizzjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari dwar dan il-fajl.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Daniel CASPARY (PPE, DE), ippreżenta f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali l-emenda numru 107 għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, l-emenda numru 108 għar-risoluzzjoni leġislattiva, li fiha d-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill u l-emendi 109-110 għar-risoluzzjoni leġislattiva, li fiha dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

---

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

## II. VOT

Meta vvotat fid-9 ta' Ġunju 2022, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 107) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq kif ukoll l-emendi 108-110 għar-risoluzzjoni leġiżlattiva. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ma' dan id-dokument<sup>2</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq ftehim dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

---

<sup>2</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

**P9\_TA(2022)0241**

**Strument għal akkwist internazzjonali \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi (COM(2016)0034 – C9-0018/2016 – 2012/0060(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0124) u l-proposta emendata (COM(2016)0034),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0018/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2016<sup>1</sup>,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-30 ta' Marzu 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU C 264, 20.7.2016, p. 110.

- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0454/2013),
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-16 ta' Ottubru 2019 dwar ħidma mhux mitmuma mit-tmien leġiżlatura parlamentari,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,
  - wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
  - wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0337/2021),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt<sup>2</sup>;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament u l-Kunsill annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje L tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġiżlattiv finali;
  3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni; waħda dwar ir-rieżami tar-Regolament dwar l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali, li se tiġi ppubblikata fis-serje L ta' Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġiżlattiv finali, u waħda dwar il-kompetenza esklużiva, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  4. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>2</sup> Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-14.12.2021 (Testi adottati P9\_TA(2021)0497).

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-9 ta' Ġunju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni ta' pajjiżi terzi (*Strument għal Akkwist Internazzjonali - IPI*)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-*Artikolu 207(2)* tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>3</sup>,

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>4</sup>,

---

<sup>3</sup> ĠU C 264, 20.7.2016, p. 110.

<sup>4</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2022.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni tiddefinixxi u teżerċita politiki komuni u azzjonijiet, u ■ ttejjeb il-kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali sabiex, inter alia, tħeġġeġ l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluż permezz tal-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali.
- (2) Skont l-Artikolu 206 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni, permezz tal-istabbiliment tal-unjoni doganali, għandha tikkontribwixxi, fl-interess komuni, għall-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji, għall-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali u fuq l-investment barrani dirett, kif ukoll għat-tnaqqis tal-ostakoli doganali u ta' xort'oħra.
- (3) Skont l-Artikolu 26 tat-TFUE, l-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tiżgura l-funzjonament tas-suq intern, inkluż żona bla frontieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat skont it-Trattati. ***L-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni tal-Unjoni jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.***

- (4) L-Artikolu III:8 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 u l-Artikolu XIII tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi jeskludu l-akkwist pubbliku mid-dixxiplini prinċipali multilaterali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

- (5) Fil-qafas tad-WTO u permezz tar-relazzjonijiet bilaterali tagħha, l-Unjoni saħqet fuq ftuħ ambizzjuż tas-swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni tal-Unjoni u s-sħab kummerċjali tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku.

- (6) ***Il-Ftehim plurilaterali tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku u l-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jipprevedu aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni biss għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni ta' pajjiżi terzi li huma partijiet għal dawk il-ftehimiet.***

- (7) Meta pajjiż ***terz*** huwa Parti għall-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku jew ikkonkluda ftehim dwar il-kummerċ mal-Unjoni li jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni jenħtieġ li ssegwi l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni jew proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim stipulati ***f'dawk il-ftehimiet*** fejn l-prattiki restrittivi jkunu marbuta ma' akkwist ***pubbliku*** kopert minn impenji għall-aċċess għas-suq li ttieħdu ***minn dak il-pajjiż terz*** fir-rigward tal-Unjoni.

- (8) Bosta pajjiżi terzi jsibuha bi tqila sabiex jifflu s-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni tagħhom għall-kompetizzjoni internazzjonali. jew sabiex itejjbu l-aċċess għal daww is-swieq. Bħala konsegwenza ta' dan, l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni jaffrontaw prattiki restrittivi tal-akkwist **pubbliku** tal-Unjoni minn bosta pajjiżi terzi **li jwasslu** għal telf f'opportunitajiet sostanzjali ta' kummerċ.

- (9) Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> jistipula r-regoli u l-proċeduri sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni taħt il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Ma jeżistu l-ebda regoli u proċeduri **ta' dan it-tip** għat-trattament ta' **operaturi ekonomiċi**, prodotti u servizzi li mhumiex koperti minn ftehimiet internazzjonali bħal dawn.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 li jstabilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari daww stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50).

- (10) *L-impenji għall-aċċess għas-suq internazzjonali li ttieħdu mill-Unjoni fil-konfront ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet jeħtieġu, inter alia, it-trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi minn dawk il-pajjiżi terzi. Konsegwentement, il-miżuri adottati fil-qafas ta' dan ir-Regolament jistgħu japplikaw biss għal operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi minn pajjiżi terzi li mhumiex partijiet għall-Ftehim plurilaterali tad-WTO dwar l-Akkwisti Pubbliċi jew għal ftehimiet kummerċjali bilaterali jew multilaterali konklużi mal-Unjoni li jinkludu impenji dwar l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni, jew għall-operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi minn pajjiżi li huma partijiet għal tali ftehimiet iżda biss fir-rigward ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku għal prodotti, servizzi jew konċessjonijiet li mhumiex koperti minn dawk il-ftehimiet. F'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE<sup>6</sup>, 2014/24/UE<sup>7</sup> u 2014/25/UE<sup>8</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kif iċċarat mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019 dwar gwida dwar il-parteciċipazzjoni ta' offerenti u oġġetti minn pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE, l-operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi li ma għandhom l-ebda ftehim li jipprevedi l-ftuħ tas-suq tal-akkwist tal-UE, jew li l-prodotti, is-servizzi u x-xogħlijiet tagħhom mhumiex koperti minn tali ftehim, ma għandhomx aċċess sigur għall-proċeduri ta' akkwist fl-UE u jistgħu jiġu esklużi.*

---

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

<sup>8</sup> Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

- (11) *L-applikazzjoni effettiva ta' kwalunkwe miżura adottata skont dan ir-Regolament bil-**ħsieb** ta' titjib fl-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni ta' ċertu pajjiżi terzi **teħtieġ sett ċar ta' regoli** ta' oriġini **għall-operaturi ekonomiċi**, prodotti u servizzi* ■ .
- (12) L-oriġini ta' prodott għandha tkun determinata skont ***l-Artikolu 60*** tar-Regolament (***UE***) ***Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***<sup>9</sup>.
- (13) L-oriġini ta' servizz jenħtieġ li tkun determinata skont l-oriġini tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tipprovdieh. ***L-oriġini ta' persuna ġuridika jenħtieġ li tiġi kkunsidrata li tkun il-pajjiż li abbażi tal-liġijiet tiegħu tkun ikkostitwita jew b'xi mod ieħor organizzata l-persuna ġuridika u li fit-territorju tiegħu il-persuna ġuridika tkun impenjata f'operazzjonijiet sostanzjali ta' negozju. Jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi kostitwiti jew, b'xi mod ieħor, organizzati abbażi tal-liġijiet ta' Stat Membru jitqiesu li joriġinaw mill-Unjoni biss jekk ikollhom rabta diretta u effettiva mal-ekonomija ta' Stat Membru. Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżura tal-Istrument ta' Akkwist Internazzjonali (IPI), l-oriġini ta' persuni ġuridiċi kkontrollati minn barra l-pajjiż jew proprjetà ta' persuni ġuridiċi li mhumiex involuti f'operazzjonijiet sostanzjali ta' negozju fit-territorju ta' pajjiż terz jew fit-territorju ta' Stat Membru, li skont il-liġijiet tiegħu huma kostitwiti jew organizzati b'xi mod ieħor, jista' jkun meħtieġ ukoll li tiġi ddeterminata billi jitqiesu elementi oħra, bħall-oriġini tas-sidien jew persuni oħra li jeżerċitaw influwenza dominanti fuq dik il-persuna ġuridika.***

■

---

<sup>9</sup> *Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).*

(14) Meta tkun qed tivvaluta jekk jeżistux miżuri jew prattiki **speċifiċi** f'pajjiż terz **li jistgħu jirriżultaw f'indeboliment tal-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni ta' dak il- pajjiż terz**, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina sa liema livell il-liġijiet, **regoli jew miżuri oħra** dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet tal-pajjiż terz ikkonċernat jiżguraw trasparenza f'konformità mal-istandards internazzjonali, **u ma jirriżultawx f'restrizzjonijiet serji u rikorrenti** fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi, prodotti **jew** servizzi tal-Unjoni. Minbarra dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina sa liema livell l-awtoritajiet kontraenti individwali jew entitajiet kontraenti individwali ta' pajjiż terz jadottaw jew iżommu prattiki **restrittivi** fir-rigward ta' operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi tal-Unjoni.

(15) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' **fi kwalunkwe mument tibda** investigazzjoni **trasparenti** fir-rigward ta' miżuri jew prattiki allegatament restrittivi li ikunu adottati jew għadhom fis-seħħ f'pajjiż terz.

- (16) *Fid-dawl tal-objettiv ta' politika ġenerali tal-Unjoni li tappoġġa t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-integrazzjoni tagħhom fil-ktajjen tal-valur globali, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tibdiex investigazzjoni fir-rigward ta' pajjiżi li jibbenefikaw mill-arranġament "Kollox Minbarra Armi" kif elenkat fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup>.*
- (17) *Meta tkun qed twettaq l-investigazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistieden lill-pajjiż **terz** ikkonċernat jidħol f'konsultazzjonijiet bil-ħsieb **li tiġi eliminata jew rrimedjata kwalunkwe miżura jew Prattika restrittiva u li b'hekk jittejbu** l-opportunitajiet ta' offerti għal operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni fir-rigward **tas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni** f'dak il-pajjiż **terz**.*
- (18) Huwa ta' importanza kbira li l-investigazzjoni titwettaq b'mod trasparenti. Għaldaqstant, rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-investigazzjoni jenħtieġ li jkun disponibbli għall-pubbliku.
- (19) *Meta l-investigazzjoni tikkonferma l-eżistenza ta' miżuri jew Prattiki restrittivi, u l-konsultazzjonijiet mal-pajjiż **terz** ikkonċernat ma jwasslux għal **azzjonijiet korrettivi sodisfaċenti li jirrimedjaw l-indeboliment serju u rikorrenti tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jew meta l-pajjiż **terz** ikkonċernat jirrifjuta li jingaġġa f'konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ tadotta, fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, jekk tikkunsidra li tali adożzjoni tkun fl-interess tal-Unjoni, miżura IPI fil-forma ta' aġġustament tal-punteġġ jew fil-forma ta' esklużjoni tal-offerti.***

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

- (20) *Id-determinazzjoni dwar jekk l-adozzjoni ta' miżura IPI hijiex fl-interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tal-interessi varji kollha meqjusa globalment, inklużi l-interessi tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa il-konsegwenzi tal-adozzjoni ta' tali miżura meta mqabbla mal-impatt tagħha fuq l-interessi usa' tal-Unjoni. Huwa importanti li attenzjoni partikolari tingħata lill-objettiv ġenerali għall-ksib tar-reċiproċità permezz tal-ftuħ tas-swieq ta' pajjiżi terzi u t-titjib tal-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Jenħtieġ li jitqies ukoll l-objettiv li jiġi limitat kwalunkwe piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti kif ukoll l-operaturi ekonomiċi.*
- (21) *Aġġustament tal-punteġġi jenħtieġ li jiġi applikat biss għall-fini tal-evalwazzjoni tal-offerti ppreżentati mill-operaturi ekonomiċi li joriġinaw mill-pajjiżi terzi ikkonċernat. Jenħtieġ li tali miżura ma taffettwax il-prezz li jrid jitħallas skont il-kuntratt li jkun ser jiġi konkluż mal-offerent rebbieħ. Meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jiddeċiedu li jibbażaw l-evalwazzjoni tagħhom tal-offerti fuq prezz jew kost bħala l-uniku kriterju tal-għoti tal-kuntratt, il-livell ta' aġġustament tal-punteġġ jenħtieġ li jiġi stabbilit ogħla b'mod sinifikanti biex tiġi żgurata effettività komparabbli tal-miżura IPI.*

- (22) *Il-miżuri IPI jenħtieġ li japplikaw għal proċeduri ta' akkwist pubbliku li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi ftehimiet ta' qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri. Meta kuntratt speċifiku jingħata fil-qasam ta' sistema dinamika ta' xiri li għaliha tapplika miżura IPI, il-miżuri IPI jenħtieġ li japplikaw ukoll għal dak il-kuntratt speċifiku. Madankollu, il-miżuri IPI jenħtieġ li ma japplikawx għal kuntratti taħt ċertu livell limitu, bil-ħsieb li jiġi limitat il-piż amministrattiv ġenerali għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti. Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' applikazzjoni doppja tal-miżuri IPI, tali miżuri jenħtieġ li ma japplikawx għal kuntratti mogħtija abbażi ta' ftehim ta' qafas, jekk il-miżuri IPI jkunu diġà ġew applikati fl-istadju tal-konklużjoni ta' dak il-ftehim ta' qafas.*
- (23) *Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżura IPI, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi xierqa fuq l-offerenti rebbieħa. Dawk l-obbligi jenħtieġ li japplikaw biss għal proċeduri ta' akkwist pubbliku li huma soġġetti għal miżura IPI, kif ukoll għal kuntratti mogħtija abbażi ta' ftehim ta' qafas fejn il-valur ta' tali kuntratti huma daqs jew ogħla minn ċertu limitu u meta dak il-ftehim qafas huwa soġġett għal miżura IPI.*

(24) *Meta pajjiż terz jidħol f'negozjati sostantivi u avvanzati mal-Unjoni dwar l-aċċess għas-suq fil-qasam tal-akkwist pubbliku, bil-ħsieb li jelimina jew jirrimedja l-indeboliment tal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti jew tas-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni tiegħu, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà , matul in-negozjati, li tissospendi l-miżuri IPI li jirreferu għall-pajjiż terz ikkonċernat.*

(25) *Huwa importanti li l-miżuri IPI huma applikati b'mod uniformi fl-Unjoni mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti. Sabiex titqies id-diversità tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet kontraenti u tal-entitajiet kontraenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jitolbu l-eżenzjoni mill-miżuri IPI għal lista limitata ta' awtoritajiet kontraenti lokali taħt ċerti rekwiżiti stretti. Meta tiċċekkja l-listi tal-awtoritajiet kontraenti lokali kif proposti mill-Istati Membri, huwa importanti li l-Kummissjoni tqis is-sitwazzjoni partikolari ta' dawk l-awtoritajiet kontraenti fir-rigward, inter alia, tal-livelli tal-popolazzjoni u s-sitwazzjoni ġeografika. Tali eżenzjoni tista' tirreferi wkoll għal proċeduri ta' akkwist pubbliku li dawk l-awtoritajiet kontraenti jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jwettqu fl-ambitu tal-ftehimiet qafas jew is-sistemi dinamiċi ta' xiri.*


- (26) ■ Huwa ta' importanza vitali li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jkollhom aċċess għal varjetà ta' prodotti ta' kwalità għolja li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' akkwist bi prezz kompetittiv. Għalhekk, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jkunu jistgħu ma japplikawx il-miżuri **IPI** li jillimitaw l-aċċess għal prodotti u servizzi li mhumiex koperti fejn ma jkunx hemm prodotti jew servizzi tal-Unjoni jew prodotti u servizzi koperti disponibbli li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti **jew** sabiex jitħarsu ħtiġijiet essenzjali ta' **politika pubblika** essenzjali, pereżempju **fir-rigward ta' raġunijiet prevalenti relatati mas-saħħa pubblika jew il-protezzjoni tal-ambjent. Meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti japplikaw dawk l-eżenzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun informata fi żmien utli u b'mod komprensiv dwarhom sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

- (27) Fil-każ ta' applikazzjoni ħażina mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti ta' miżuri **IPI** li, jaffettwaw negattivament l-opportunitajiet tal-operaturi ekonomiċi li jkollhom id-dritt li jiparteċipaw fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, jenħtieġ li d-Direttivi tal-Kunsill **89/665/KEE<sup>11</sup> u 92/13/KEE<sup>12</sup> jkunu japplikaw. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi affettwati jkunu jistgħu jibdew proċedura ta' reviżjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali li timplimenta dawk id-Direttivi jekk, pereżempju, dawk l-operaturi ekonomiċi jqisu li operatur ekonomiku kompetitur kellu jiġi eskluż jew offerta kellha tiġi kklassifikata aktar baxxa minħabba l-applikazzjoni ta' miżura IPI. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' wkoll tapplika l-mekkaniżmu korrettiv skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/665/KEE jew l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/13/KEE.**

---

<sup>11</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-ġħoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi, ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

<sup>12</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14);

- (28) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup>.
- (29) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni, irtirar,  sospensjoni, dħul mill-ġdid jew estensjoni *ta' miżura IPI u l-Kummissjoni jenħtieġ li tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ stabbilit mir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*<sup>14</sup>. *Peress li l-miżuri IPI jista' jkollhom effetti differenti fuq is-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni tal-Unjoni, il-proċedura tal-komitoloġija applikabbli għall-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni li jipprevedu l-esklużjoni tal-offerti jenħtieġ li tiġi adattata u f'każijiet bħal dawn jenħtieġ li japplika l-Artikolu 5(4), t-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*
- (30) *Jekk ikun meħtieġ u għal kwistjonijiet li jaffettwaw l-applikazzjoni tal-qafas legali tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' titlob għall-parir tal-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/306/KEE*<sup>15</sup>.

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

<sup>14</sup> *Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1).*

<sup>15</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/306/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti ta' Xogħlijiet Pubbliċi (ĠU L 185, 16.8.1971, p. 15).

(31) *L-informazzjoni riċevuta skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tintuża biss għall-fini li tkun intalbet għalih u bir-rispett dovut għar-rekwiżiti applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali relatati mal-protezzjoni tad-data u tal-kunfidenzjalità. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup> kif ukoll l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li japplikaw kif xieraq.*

(32) *F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>17</sup> u bl-għan, inter alia, li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel rieżami b'mod regolari tal-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament u l-effiċjenza ta' dan ir-Regolament. Tali rieżami jkun jindirizza, inter alia, il-possibbiltà li jsir użu minn kwalunkwe mezz disponibbli sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi faċilitajiet elettroniċi ta' akkwist bħal formoli standard għal pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780<sup>18</sup>, kif ukoll il-piż imġarrab mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti meta japplikaw dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, fejn xieraq, tippreżenta proposti leġiżlattivi xierqa.*

---

<sup>16</sup> *Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).*

<sup>17</sup> *ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.*

<sup>18</sup> *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780 tat-23 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 ("Formuli Elettroniċi") (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 7).*

- (33) *Ir-regoli u l-prinċipji tal-akkwist pubbliku applikabbli għall-kuntratti pubbliċi mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'isimhom stess huma stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup> u għalhekk ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, daww ir-regoli huma bbażati fuq ir-regoli stipulati fid-Direttivi 2014/23/UE u 2014/24/UE. Għalhekk huwa xieraq li jiġi vvalutat jekk, fil-kuntest ta' reviżjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-regoli u l-prinċipji stipulati f'dan ir-Regolament għandhom isiru applikabbli wkoll għall-kuntratti pubbliċi mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.*
- (34) *Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida. Jenħtieġ li daww il-linji gwida jipprovdu informazzjoni, b'mod partikolari, dwar il-kunċetti tal-orijini ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-orijini tal-prodotti u s-servizzi, obbligu addizzjonali kif ukoll l-applikazzjoni ta' daww id-dispożizzjonijiet fil-qafas ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-objettiv ġenerali tal-politika tal-Unjoni li tappoġġa l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jenħtieġ li daww il-linji gwida jikkunsidraw ukoll il-bżonnijiet speċifiċi fir-rigward tal-informazzjoni tal-SMEs fl-applikazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament, bil-ħsieb li jiġi evitat piż żejjed fuq l-SMEs.*

---

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(35) *F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u sabiex jinkiseb l-objettiv bażiku li jittejjeb l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni tal-pajjiżi terzi billi jiġu stabbiliti miżuri fir-rigward l-akkwist mhux kopert, huwa neċessarju u xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar il-proċeduri biex il-Kummissjoni twettaq investigazzjonijiet dwar allegat miżuri jew prattiki ta' pajjiżi terzi kontra operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni, u biex tidħol f'konsultazzjonijiet mal-pajjiżi terzi kkonċernati. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu l-objettivi maħsuba, f'konformità mal-Artikolu 5(4) TUE.*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I  
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1  
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri **relatati mal-akkwist mhux kopert**, maħsuba biex itejbu l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni tal-pajjiżi terzi. Huwa jistabbilixxi l-proċeduri biex il-Kummissjoni tinvestiga miżuri jew prattiki allegati ■ minn **pajjiż terzi** kontra operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi tal-Unjoni, u tikkonsulta mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

***Dan ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni timponi miżuri IPI b'rabta ma' tali miżuri jew prattiki minn pajjiżi terzi biex jirrestrinġu l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi minn pajjiżi terzi għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku tal-Unjoni.***

2. Dan ir-Regolament għandu japplika *għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku* koperti mill-atti li ġejjin:
- (a) id-Direttiva 2014/23/UE;
  - (b) id-Direttiva 2014/24/UE;
  - (c) id-Direttiva 2014/25/UE.

█

3. *Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu internazzjonali tal-Unjoni jew għal miżuri li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti tagħhom jistgħu jieħdu f'konformità mal-atti msemmija fil-paragrafu 2.*

█

4. *Dan ir-Regolament għandu japplika għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku varati wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Miżura IPI għandha tapplika biss għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku koperti mill-miżura IPI u li ġew varati bejn id-dħul fis-seħħ ta' dik il-miżura IPI u l-iskadenza, l-irtirar jew is-sospensjoni tagħha. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jinkludu referenza għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe miżura IPI applikabbli f'id-dokumenti tal-akkwist pubbliku għal proċeduri li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' miżura IPI.*
5. *Ir-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tax-xogħol għandhom japplikaw għall-operaturi ekonomiċi f'konformità mad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE, jew liġi oħra tal-Unjoni.*

█

Artikolu 2  
Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) "operatur ekonomiku" tfisser operatur ekonomiku kif definit fid-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;
  - (b) *"prodotti" tfisser prodotti msemmija fis-suġġett ta' proċedura ta' akkwist pubbliku u fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt rilevanti, iżda ma tkopri l-ebda input, materjal jew ingredjent inkorporat fil-prodotti fornuti;*
  - (c) *"valur stmat" tfisser il-valur stmat ta' kuntratt ikkalkulat skont id-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;*
  - (d) *"aġġustament tal-punteġġ" tfisser it-tnaqqis relattiv b'perċentwal partikolari tal-punteġġ ta' offerta, li jirriżulta mill-evalwazzjoni tagħha min-naħa ta' awtorità kontraenti jew entità kontraenti, abbażi tal-kriterji tal-għoti tal-kuntratt definiti fid-dokumenti rilevanti tal-akkwist pubbliku. F'każijiet fejn il-prezz jew l-kost jikkostitwixxu l-uniku kriterju għall-għoti tal-kuntratt, l-aġġustament tal-punteġġ tfisser iż-żieda relattiva, għall-fini tal-evalwazzjoni tal-offerti, b'perċentwal partikolari tal-prezz propostminn offerent;*

- (e) *"evidenza" tfisser kwalunkwe informazzjoni, ċertifikat, dokument ta' sostenn jew dikjarazzjoni li għandha l-għan li tagħti prova tal-konformità mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 8, bħal:*
- (i) *dokumenti li juru li l-prodotti joriġinaw mill-Unjoni jew pajjiż terz;*
  - (ii) *deskrizzjoni tal-proċessi ta' manifattura, inklużi kampjuni, deskrizzjonijiet jew ritratti, għall-prodotti li għandhom jiġu furnuti;*
  - (iii) *silta mir-reġistri rilevanti jew mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-orijini tas-servizzi, inkluż numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT);*
- (f) *"awtorità kontraenti" tfisser awtorità kontraenti kif definita fid-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;*
- (g) *"entità kontraenti" tfisser entità kontraenti kif definita fid-Direttivi 2014/23/UE u 2014/25/UE;*
- (h) *"parti interessata" tfisser kwalunkwe persuna jew entità li l-interess tagħha jista' jiġi affettwat minn miżura jew Prattika ta' pajjiż terz, bħal impriżi, assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew organizzazzjonijiet transindustrijali ewlenin li jirrappreżentaw is-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni;*

- (i) "miżura jew prattika **ta' pajjiż terz**" tfisser kull miżura, proċedura jew prattika leġiżlattiva, regolatorja jew amministrattiva, jew taħlita ta' tagħhom, adottati jew miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti individwali f'pajjiż terz, **f'kwalunkwe livell** li jirriżultaw f'indeboliment serju u rikorrenti għall-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni ta' dak il-pajjiż terz;
- (j) **"miżura IPI"** tfisser miżura adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament li tillimita l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi li joriġinaw minn pajjiżi terzi għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-akkwist mhux kopert;
- (k) **"akkwist mhux kopert"** tfisser proċeduri ta' akkwist pubbliku għal prodotti, servizzi, jew konċessjonijiet li fir-rigward ta' tagħhom l-Unjoni ma tkunx ħadet impenji ta' aċċess għas-suq fi ftehim internazzjonali fil-qasam tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjonijiet;
- (l) **"kuntratti"** tfisser kuntratti pubbliċi kif definit fid-Direttiva 2014/24/UE, konċessjonijiet kif definit fid-Direttiva 2014/23/UE u kuntratti ta' provvisti, xogħlijiet u servizzi kif definit fid-Direttiva 2014/25/UE;

- (m) *"offerent" tfisser offerent kif definit fid-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE;*
- (n) "pajjiż" tfisser kull Stat jew territorju doganali separat, mingħajr ma dan it-terminu jkollu implikazzjoni għas-sovranità;
- (o) *"sottokuntrattar" tfisser l-arranġament tat-twettiq ta' parzt minn kuntratt minn parti terza; u ma jinkludix is-sempliċi kunsinna ta' prodotti jew partijiet li huma meħtieġa għall-forniment ta' servizz.*

**I**

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, *għajr għall-Artikolu 6(3) u (7) tiegħu*, it-twettiq ta' xogħlijiet *jew* ta' biċċa xogħol skont it-tifsira tad-Direttivi *2014/23/UE*, *2014/24/UE* u *2014/25/UE* għandu jitqies bħala l-forniment ta' servizz.

### Artikolu 3

#### *Determinazzjoni tal-orìgini*

1. L-orìgini ta' ■ operatur ekonomiku għandha titqies bħala:
- (a) fil-każ ta' persuna fiżika, il-pajjiż fejn il-persuna tkun ċittadina jew fejn ***dik il-persuna*** jkollha d-dritt ta' residenza permanenti;
  - (b) fil-każ ta' persuna ġuridika, kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
    - (i) ■ il-pajjiż li taħt il-liġijiet tiegħu l-persuna ġuridika tkun ikkostitwita jew b'xi mod ieħor organizzata u fit-territorju fejn il-persuna ġuridika tkun impenjata f'operazzjonijiet sostanzjali ta' negozju;
    - (ii) ***jekk*** il-persuna ġuridika ***ma tkunx*** impenjata f'operazzjonijiet sostanzjali ta' negozju ***fit-territorju tal-pajjiż li fih tkun ikkostitwita jew b'xi mod ieħor organizzata, l-orìgini tal-persuna ġuridika għandha tkun dik tal-persuna jew persuni li jistgħu jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika minħabba s-sjeda tagħhom ta' dik il-persuna ġuridika, il-parteciċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolaw dik il-persuna ġuridika.***

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-punt (b) (ii), ***għandu jiġi preżunt li dik il-persuna jew persuni għandhom influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin li fihom huma, direttament jew indirettament:***

- (a) iżommu l-maġġoranza tal-kapital sottoskritt tal-persuna ġuridika;***
- (b) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti marbuta mal-ishma maħruġin mill-persuna ġuridika; jew***
- (c) jistgħu jaħtru aktar minn nofs il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-persuna ġuridika.***

**I**

- 2. Meta operatur ekonomiku jkun grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet pubbliċi jew kwalunkwe taħlita tagħhom, u mill-inqas waħda minn dawn il-persuni jew entitajiet toriġina minn pajjiż terz li l-operaturi ekonomiċi, il-prodotti jew is-servizzi tiegħu jkunu soġġetti għal miżura IPI, dik il-miżura IPI għandha tapplika wkoll għall-offerti ppreżentati minn dak il-grupp.***

***Madankollu, meta l-parteċipazzjoni ta' tali persuni jew entitajiet fi grupp tammonta għal inqas minn 15 % tal-valur tal-offerta ppreżentata minn dak il-grupp, dik il-miżura IPI ma għandix tapplika għal dik l-offerta, sakemm daww il-persuni jew entitajiet ma jkunux meħtieġa għat-tweqqif tal-maġġoranza ta' mill-inqas wieħed mill-kriterji tal-għażla fi proċedura ta' akkwist pubbliku.***

3. *L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu, fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura ta' akkwist pubbliku, jitolbu lill-operatur ekonomiku biex jippreżenta, jissupplimenta, jiċċara jew jikkompleta l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni relatata mal-verifika tal-orijini tal-operatur ekonomiku f'limitu ta' żmien xieraq, dment li tali talbiet isiru f'konformità mal-prinċipji tat-trattament ugwali u t-trasparenza. Fejn l-operatur ekonomiku jonqos milli jipprovi tali informazzjoni jew dokumentazzjoni mingħajr ebda spjegazzjoni raġonevoli, u b'hekk jipprevjeni l-verifika tal-orijini tal-operatur ekonomiku mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jew jagħmel tali verifika Prattikament impossibbli jew diffiċli ħafna, dak l-operatur ekonomiku għandu jiġi eskluż mill-parteciċipazzjoni fil-proċedura ta' akkwist pubbliku kkonċernata.*
4. *L-orijini ta' prodott għandha tiġi ddeterminata skont l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, u l-orijini ta' servizz għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-orijini tal-operatur ekonomiku li jipprovdih.*



#### Artikolu 4

Eżenzjoni ta' prodotti u servizzi li joriġinaw minn pajjiżi l-anqas żviluppati

***Il-Kummissjoni ma għandhiex tibda investigazzjoni fir-rigward tal-pajjiżi l-anqas żviluppati elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, sakemm ma jkunx hemm evidenza ta' ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura IPI imputabbli lill-pajjiż terz elenkat jew lill-operaturi ekonomiċi tiegħu.***



#### Kapitolu II

Investigazzjonijiet, konsultazzjonijiet, ***miżuri u obbligi***

#### Artikolu 5

Investigazzjonijiet ***u konsultazzjonijiet***

1. Il-Kummissjoni, ***fuq inizzjattiva proprja jew fuq ilment motivat ta' parti interessata tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, tista' tibda investigazzjoni fir-rigward ta' miżura jew prattika allegata ta' pajjiż terz billi tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tali avviż ta' bidu għandu jinkludi l-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni tal-miżura jew prattika tal-pajjiż terz u jistieden lill-partijiet interessati u lill-Istati Membri biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien speċifiku.***

**I**

*Il-Kummissjoni għandha tagħmel għodda online disponibbli fuq is-sit web tagħha. L-Istati Membri u l-partijiet interessati tal-Unjoni għandhom jużaw dik l-għodda sabiex iressqu lment motivat.*

2. *Mal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-pajjiż terz ikkonċernat biex jippreżenta l-fehmiet tiegħu, jipprovdi informazzjoni rilevanti u jidħol f'konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni sabiex tiġi eliminata jew korretta l-allegata miżura jew Prattika tal-pajjiż terz. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Istati Membri dwar il-progress tal-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2015/1843.*
3. *L-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet għandhom jiġu konklużi f'perjodu ta' disa' xhur wara d-data ta' bidu tagħhom. F'każijiet iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' testendi dan il-perjodu b'ħames xhur, billi tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tinforma lill-pajjiż terz, lill-partijiet interessati u lill-Istati Membri dwar dik l-estensjoni.*
4. *Mal-konklużjoni tal-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jippreżenta s-sejbiet ewlenin tal-investigazzjoni u pjan ta' azzjoni propost. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

5. Meta l-Kummissjoni, *wara* l-investigazzjoni tagħha, *issib* li *l-allegata miżura jew prattika ta' pajjiż terz* ma tkunx qed tiġi applikata jew *ma tirriżultax f'indeboliment serju u rikorrenti* għall-aċċess *ta'* operaturi ekonomiċi, prodotti *jew* servizzi tal-Unjoni *għas-swieq* tal-akkwist jew tal-konċessjoni tal-pajjiż terz ■ , il-Kummissjoni għandha ttemm ■ l-investigazzjoni, *u tippubblika avviż ta' terminazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

6. *Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet fi kwalunkwe ħin meta l-pajjiż terz ikkonċernat:*

- (a) *jieħu azzjonijiet korrettivi sodisfaċenti li jeliminaw jew jirrimedjaw l-indeboliment serju u rikorrenti għall-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni tal-pajjiż terz, u b'hekk jittjieb tali aċċess; jew*
- (b) *jimpenja ruħu fil-konfront tal-Unjoni biex itemm jew jelimina gradwalment il-miżura jew il-prattika tal-pajjiż terz, inkluż billi jestendi il-kamp ta' applikazzjoni ta' ftehim eżistenti għall-akkwist pubbliku, fi żmien raġonevoli u f'mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jobbliga ruħu għal tali impenji.*

7. *Il-Kummissjoni għandha terġa tibda l-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet fi kwalunkwe ħin jekk tikkonkludi li r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux għadhom validi.*
8. *Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'każ ta' sospensjoni jew bidu mill-ġdid tal-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet.*



## *Artikolu 6*

### *Miżuri IPI*

1. *Meta l-Kummissjoni ssib, wara investigazzjoni u konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 5, li teżisti miżura jew prattika ta' pajjiż terz, hija għandha, jekk tqis li dan ikun fl-interess tal-Unjoni, tadotta miżura IPI permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).*
2. *Determinazzjoni ta' jekk l-interess tal-Unjoni jitlobx l-adozzjoni ta' miżura IPI għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-interessi kollha differenti meħuda globalment, inklużi l-interessi tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Ma għandhomx jiġu adottati miżuri IPI meta l-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, tikkonkludi li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jiġu adottati dawn il-miżuri.*

3. ***Il-miżura IPI għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli u abbażi tal-kriterji li ġejjin:***
- (a) ***il-proporzjonalità tal-miżura IPI fir-rigward tal-miżura jew il-prattika tal-pajjiż terz;***
  - (b) ***id-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' provvista għall-prodotti u s-servizzi kkonċernati, sabiex jiġi evitat jew minimizzat impatt negattiv sinifikanti fuq l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti.***
4. ***Il-miżura IPI għandha tapplika biss għal proċeduri ta' akkwist pubbliku b'valur stmat ogħla minn limitu li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni u l-konsultazzjonijiet u filwaqt li jitqiesu l-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Dak il-valur stmat għandu jkun ugwali għal jew aktar minn EUR 15 000 000 nett mill-VAT għal xogħlijiet u konċessjonijiet, u ugwali għal jew aktar minn EUR 5 000 000 nett mill-VAT għal prodotti u servizzi.***

5. *Il-miżura IPI għandha tapplika f'każ ta' kuntratti speċifiċi mogħtija fl-ambitu ta' sistema dinamika ta' xiri meta l-miżura IPI tapplika wkoll għal dawk is-sistemi dinamiċi ta' xiri, bl-eċċezzjoni ta' kuntratti speċifiċi li l-valur stmat tagħhom ikun inqas mill-valuri rispettivi stipulati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE. Il-miżura IPI ma għandhiex tapplika għal proċeduri ta' akkwist pubbliku relatati mal-ġħoti ta' kuntratti bbażati fuq ftehim qafas jew għal kuntratti għal lottijiet individwali li jingħataw skont l-Artikolu 5(10) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 16(10) tad-Direttiva 2014/25/UE.*
6. *Fil-miżura IPI msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fil-paragrafu 8, li tirrestrinġi l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi minn pajjiż terz għal proċeduri ta' akkwist pubbliku billi tirrikjedi li l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti:*
- (a) *jimponu aġġustament tal-punteġġ fuq offerti ppreżentati minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn dak il-pajjiż terz; jew*
- (b) *jeskludu offerti ppreżentati minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn dak il-pajjiż terz.*

■

7. *L-aġġustament tal-punteġġ imsemmi fil-paragrafu 6, punt (a), għandu japplika biss għall-fini tal-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-offerti. Dan ma għandux jaffettwa l-prezz li jrid jitħallas skont il-kuntratt li jkun ser jiġi konkluż mal-offerent rebbieħ.*
8. *Fil-miżura IPI msemmija fil-paragrafu 1 il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura IPI, inkluż:*
- (a) is-setturi jew il-kategoriji ta' prodotti, servizzi u konċessjonijiet, ibbażati fuq il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>, kif ukoll kwalunkwe eċċezzjoni applikabbli;*
  - (b) il-kategoriji speċifiċi ta' awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti;*
  - (c) il-kategoriji speċifiċi ta' operaturi ekonomiċi;*
  - (d) il-limiti speċifiċi daqs jew oġġla minn dawk stipulati fil-paragrafu 4;*
  - (e) fejn xieraq, il-valuri perċentwali ta' aġġustament tal-punteġġ imsemmi fil-paragrafu 6, punt (a).*

*Il-valur perċentwali tal-aġġustament kif imsemmi fil-punt (e) tal-ewwel paragrafu għandu jiġi stabbilit sa 50 % tal-punteġġ tal-evalwazzjoni tal-offerta, skont il-pajjiż terz u s-settur tal-prodotti, is-servizzi, ix-xogħlijiet jew il-konċessjonijiet previsti. Għall-fini tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, fejn il-prezz jew il-kost huwa l-uniku kriterju għall-għoti ta' kuntratt, l-aġġustament tal-punteġġ għandu jkun id-doppju tal-valur perċentwali kif stipulat fl-ewwel sentenza ta' dan is-subparagrafu. Miżura IPI għandha tindika l-valuri perċentwali rispettivi separatament.*

---

<sup>20</sup> *Ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) (ĠU L 340, 16.12.2002, p. 1).*

9. *Meta tiddetermina l-miżura IPI abbażi tal-għażliet disponibbli skont il-paragrafu 6, punt (a) jew (b), il-Kummissjoni għandha tagħżel it-tip ta' miżura li tkun proporzjonata u li tirrorimedja bl-aktar mod effettiv il-livell ta' indeboliment tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi, prodotti jew servizzi tal-Unjoni fis-swieq ta' akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni ta' pajjiżi terzi.*

10. *Meta il-Kummissjoni tqis li l-pajjiżi terzi jieħu azzjonijiet korrettivi sodisfaċenti li jeliminaw jew jirrorimedjaw l-indeboliment tal-aċċess għall-operaturi ekonomiċi, il-prodotti jew is-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew tal-konċessjoni ta' dak il-pajjiżi terzi, biex b'hekk jitjieb tali aċċess, jew jekk il-pajjiżi terzi jimpenja ruħu li jtemm il-miżura jew il-prattika inkwistjoni, l-Kummissjoni tista' tirtira l-miżura IPI jew tissospendi l-applikazzjoni tagħha .*

*Meta il-Kummissjoni tqis li l-azzjonijiet korrettivi jew l-impenji meħuda jkunu ġew revokati, sospiżi jew implimentati b'mod mhux xieraq, hija għandha tagħmel is-sejbiet tagħha disponibbli għall-pubbliku u terġa' ddaħħal il-miżura IPI fi kwalunkwe ħin.*

*Il-Kummissjoni tista' tirtira, tissospendi jew terġa' ddaħħal miżura IPI permezz ta' att ta' implimentazzjoni u f'tali każijiet għandha tippubblika avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).*

11. *Miżura IPI għandha tiskadi ħames snin mid-dħul fis-seħħ tagħha. Miżura IPI tista' tiġi estiża għal perjodu ta' ħames snin. Il-Kummissjoni għandha tibda rieżami tal-miżura IPI inkwistjoni mhux aktar tard minn disa' xhur qabel id-data tal-iskadenza ta' dik il-miżura IPI, billi tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tali rieżami għandu jiġi konkluż fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż rilevanti. Wara tali rieżami, il-Kummissjoni tista' testendi t-tul tal-miżura IPI, taġġustaha b'mod xieraq jew tissostitwiha b'miżura IPI differenti permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).*

#### Artikolu 7

*Lista ta' awtoritajiet kontraenti eżentati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*

1. *Fuq talbaġustifikata minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta, bil-ħsieb ta' distribuzzjoni ġusta fost l-Istati Membri tal-proċeduri għall-għoti soġġetti għall-miżuri IPI, lista ta' awtoritajiet kontraenti lokali f'dak l-Istat Membru, fi ħdan unitajiet amministrattivi b'popolazzjoni ta' inqas minn 50 000 abitant, li huma eżentati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

2. *Fit-talba tiegħu, l-Istat Membru għandu jipprova jipprovdi informazzjoni dettaljata li jiġġustifika t-talba għal eżenzjoni u dwar il-valur tal-kuntratti 'l fuq mil-limiti stipulati fl-Artikolu 6(4) ta' dan ir-Regolament, mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti kollha elenkati matul l-aħħar 3 snin mill-31 ta' Diċembru ta' qabel it-talba għal eżenzjoni. Eżenzjoni tista' tingħata biss jekk il-valur totali tal-kuntratti 'l fuq mil-limiti stipulati fl-Artikolu 6(4) ta' dan ir-Regolament, u mogħti mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti li ma għandhomx jiġu eżentati, jaqbeż it-80 % tal-valur totali ta' kuntratti 'l fuq mil-limiti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE mogħtija fl-Istat Membru li jitolba fl-istess perjodu ta' tliet snin.*
3. *L-eżenzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat, b'kont meħud tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet kontraenti li għandhom jiġu eżentati.*
4. *Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri qabel ma tadotta l-lista msemmija fil-paragrafu 1. Dik il-lista, ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun valida għal perjodu ta' tliet snin u tista' tiġi riveduta jew imġedda kull tliet snin fuq talba ġustifikata mill-Istat Membru kkonċernat.*

## *Artikolu 8*

### *Obbligi fuq l-offerent rebbieħ*

- 1. Fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku li huma soġġetti għal miżura IPI, kif ukoll fil-każ ta' kuntratti mogħtija abbażi ta' ftehim ta' qafas fejn il-valur stmat ta' dawk il-kuntratti huwa ugwali jew ogħla mill-valuri stipulati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/25/UE, u meta dawk il-ftehimiet ta' qafas kienu soġġetti għall-miżura IPI, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jinkludu wkoll fid-dokumenti ta' akkwist pubbliku l-obbligi li ġejjin fuq l-offerenti rebbieħa:*
- (a) li ma jissottokuntrattawx aktar minn 50 % tal-valur totali tal-kuntratt lil operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiż terz li huwa soġġett għal miżura IPI;*
  - (b) għal kuntratti li s-suġġett tagħhom ikopri l-provvista ta' prodotti, li jiżguraw li għat-tul tal-kuntratt, dawk il-prodotti jew is-servizzi furnuti jew ipprovduti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt u li joriġinaw minn pajjiż terz li huwa soġġett għall-miżura IPI ma jirrappreżentawx aktar minn 50 % tal-valur totali tal-kuntratt, irrISPettivament jekk tali prodotti jew servizzi huma furnuti jew ipprovduti direttament mill-offerent rebbieħ jew minn sottokuntrattur;*

*(c) li jipprovdu lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti fuq talba tagħhom evidenza adegwata li tikkorrispondi għall-punt (a) jew (b), mhux aktar tard mit-tlestija tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt;*

*(d) li jħallsu imposta proporzjonata, f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-obbligi msemmija fil-punti (a) jew (b), ta' bejn 10 % u 30 % tal-valur totali tal-kuntratt.*

**2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, punt (c), huwa biżżejjed li tingħata evidenza li aktar minn 50 % tal-valur totali tal-kuntratt joriġina f'pajjiżi li mhumiex il-pajjiż terz soġġett għall-miżura IPI. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha titlob evidenza rilevanti meta jeżistu indikazzjonijiet raġonevoli ta' nuqqas ta' konformità mal-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 jew meta l-kuntratt jingħata lil grupp ta' operaturi ekonomiċi li jinkludi persuna ġuridika li toriġina minn pajjiż terz soġġett għal miżura IPI.**

**3. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jinkludu referenza għall-obbligi stipulati f'dan l-Artikolu fid-dokumenti għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku li għalihom hija applikabbli miżura IPI.**

Artikolu 9  
Eċċezzjonijiet

1. Awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti jistgħu, ***fuq bażi eċċezzjonali***, jiddeċiedu li ma japplikawx miżura ***IPI*** fir-rigward ta' proċedura ***ta' akkwist pubbliku*** fejn:



- (a) ***biss offerti minn operaturi ekonomiċi li joriġinaw minn pajjiż terz soġġett għal miżura IPI, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-offerta; jew***
- (b) ***id-deċiżjoni li ma tapplikax miżura IPI hija ġustifikata għal raġunijiet prevalenti relatati mal-interess pubbliku, bħal pereżempju s-saħħa pubblika jew il-ħarsien tal-ambjent.***



2. Meta awtorità kontraenti jew entità kontraenti ***tiddeċiedi*** li ma tapplikax miżura ***IPI***, hi għandha ***tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni, b'mod li għandu jiġi deċiż mill-Istat Membru rispettiv***, u mhux aktar tard minn ***tletin*** jum wara ***l-għoti*** tal-kuntratt.
- (a) l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-awtorità kontraenti ***jew*** l-entità kontraenti;
- (b) deskrizzjoni tas-suġġett tal-kuntratt;

- (c) tagħrif dwar l-oriġini tal-operaturi ekonomiċi ■ ;
- (d) ir-raġuni li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni li ma tiġix applikata l-miżura **IPI**, uġustifikazzjoni dettaljata għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni;
- (e) fejn xieraq, kwalunkwe tagħrif ieħor meqjus b'zonnjuż mill-awtorità kontraenti **jew** l-entità kontraenti.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-**Istati Membri kkonċernati** għal tagħrif addizzjonali.

■

## Artikolu 10

### **Rimedji**

***Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni legali tal-operaturi ekonomiċi li għandhom jew kellhom interess li jiksbu kuntratt partikolari li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-Direttivi 89/665/KEE u 92/13/KEE għandhom japplikaw kif xieraq.***

### Kapitolu III

#### Setgħat ta' implimentazzjoni, rapporti u dispożizzjonijiet finali

#### Artikolu 11

#### Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat ■ stabbilit mill-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2015/1843. ***Dak il-kumitat għandu jkun kumitat*** fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ■ .
3. ***Meta l-Kumitat ma jagħti ebda opinjoni għall-adozzjoni ta' abbozz ta' miżura IPI fil-forma ta' esklużjoni minn offerti, skont l-Artikolu 6, paragrafu 6, punt (b) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), t-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

■

## *Artikolu 12*

### *Linji gwida*

*Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti u mill-operaturi ekonomiċi, il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], toħroġ linji gwida.*



## Artikolu 13

### Rappurtar

- 1. Sa ... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u mill-inqas kull sentejn minn dak iż-żmien 'il quddiem █, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati internazzjonali, fir-rigward tal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni **għas-swieq tal-akkwist pubbliku jew** tal-konċessjoni ta' pajjiżi terzi, skont dan ir-Regolament. █ Dak ir-rapport għandu jkun magħmul pubbliku. L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni **dwar l-applikazzjoni ta' miżuri skont dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-għadd ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku fil-livell ċentrali u subċentrali li fihom tkun ġiet applikata miżura IPI partikolari, l-għadd ta' offerti li rċevew minn pajjiżi terzi soġġetti għal dik il-miżura IPI, kif ukoll il-każijiet li fihom ġiet applikata eċċezzjoni speċifika mill-miżura IPI.***

2. *L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni permezz tat-Tenders electronic daily dwar l-applikazzjoni tal-miżuri IPI, bħala parti mill-informazzjoni dwar l-għoti ta' kuntratti. Tali rapport għandu jinkludi, għal kull proċedura rilevanti, informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżuri IPI, l-għadd ta' offerti li riċevuti minn pajjiżi terzi soġġetti għall-miżura IPI rilevanti, l-għadd ta' offerti li għalihom ġew applikati l-esklużjoni tal-offerta jew l- aġġustament tal-punteġġ u l-applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet speċifiċi mill-miżura IPI. Il-Kummissjoni għandha tuża din id-data fir-rappurtar regolari tagħha meħtieġ skont dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali dwar l-applikazzjoni ta' miżuri previsti f'dan ir-Regolament fuq talba tagħha.*



#### *Artikolu 14*

##### *Rieżami*

*Mhux aktar tard minn erba' snin wara l-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni jew mhux aktar tard minn ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], skont liema data minnhom tiġi l-ewwel, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament u l-effiċjenza ta' dan ir-Regolament, u għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

Artikolu 15  
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-sittin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

■

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

## ANNES GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA

### DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL FIR-RIGWARD TAR-REGOLAMENT (UE) 2022/xxx)\*

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrikonoxxu li r-regoli dwar il-komitoloġija maqbula f'dan l-istrument ma jippreġudikawx l-eżitu ta' negozjati leġislattivi oħra li għaddejjin jew futuri u m'għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal fajls leġislattivi oħra.

### DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR IR-RIEŻAMI TAR-REGOLAMENT DWAR L-ISTRUMENT GĦAL AKKWIST INTERNAZZJONALI (Regolament (UE) 2022/xxx)\*

Meta twettaq rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni, tal-funzjonament u tal-effiċjenza tar-Regolament (UE) 2022/xxx\*, f'konformità mal-Artikolu 14 tiegħu, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-ħtieġa li teżenta mill-applikazzjoni tiegħu kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, u b'mod partikolari l-benefiċjarji tal-arranġament speċjali ta' inċentivi għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba kif definit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012. Fir-riieżami, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lis-setturi li huma kkunsidrati strateġiċi fir-rigward tal-akkwist pubbliku tal-UE.

### DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR IL-KOMPETENZA ESKLUŻIVA FIR-RIGWARD TAR-REGOLAMENT (UE) 2022/xxx)\*\*

---

\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-pubblikazzjoni tar-Regolament il-ġdid.

\*\* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-pubblikazzjoni u nota f'qiegħ il-paġna bir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-dokument 2012/0060(COD).

Kif ikkonfermat fl-Opinjoni 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parteċipazzjoni ta' operatori ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi fil-proċeduri ta' akkwist tal-Unjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni li għaliha, kif iddikjarat b'mod espliċitu fl-Artikolu 3(1)(e) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva. Għalhekk, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti tagħhom ma għandhom jadottaw jew iżommu l-ebda miżura leġiżlattiva jew miżura oħra ġeneralment applikabbli li tirregola l-aċċess minn operatori ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi lil hinn minn dawk applikati skont dan ir-Regolament u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

---